MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1292/2005/1

**Mile End Services Limited**

**vs**

**Maxi-Quartz Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Novembru, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas mis-socjeta' konvenuta ta' mija u tnax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm 112.39), rapprezentanti xoghol ta' riparazzjoni ta' vettura u bejgh ta' *'parts'* ghall-istess vettura, dan kollu skond fattura datata 9 ta' Frar, 2005 u li kopja

taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ’A.’

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta` l-ittra interpellatorja datata 30 ta’ Mejju, 2005 (kopja Dok. ‘B’ hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘B,’), hawn annessa u bl-imghax mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv ilkoll kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta’ konvenuta li permezz taghha  eccepiet illi t-talbiet attrici huma kkontestati stante li x-xoghol ezegwit ma sarx kollu skond l-arti u s-sengha u fil-hin kif ukoll mhux ix-xoghol kollu gie ezegwit fil-waqt li dak ix-xoghol li sar gie mwettaq hazin u b’hafna dewmien konsegwenza ta’ dan id-dewmien is-socjeta’ konvenuta sofriet danni ngunti li qed jifformaw il-mertu tat-talba rikonvenzjonali u cioe’ fl-ammont ta’ Lm 840 jew ammont aktar verjuri rapprezentanti kera ta’ vann ghal perjodu li fih is-socjeta’ konvenuta kienet fdat il-vettura taghha ghat-tiswija ghand is-socjeta’ attrici f’liema perjodu s-socjeta’ attrici naqset milli twettaq ix-xogholijiet kif hawn fuq imsemmi.

Ra il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonali fejn talbet hlas ta’ Lm 840 jew ammont aktar verjuri rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta’ konvenuta (kera ta’ vann alternattiv matul il-perjodu li fih il-vettura tas-socjeta’ konvenuta damet inutilment ghand is-socjeta’ attrici f’liema perjodu s-socjeta’ attrici naqset milli twettaq ix-xogholijiet mehtiega minnha.

Ra r-risposta ghal kontro-talba tas-socjeta’ attrici rikonvenzjonata fejn gie sollevat illi l-allegazzjonijiet ta’ Maxi-Quartz Limited huma fattwalment u legalment infondati u dan stante diversi nuqqasijiet taghha stess, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra illi b'nota pprezentata fl-1 ta' Ottubru, 2007, s-socjeta' konvenuta rriduciet il-kontro-talba ghal Lm 448.40 a bazi ta' *invoice* mahruga mill-10 ta' Dicembru, 2004 sat-28 ta' Dicembru, 2004.

Ra x-xhieda ta' Romina Buhagiar Camilleri, Raffaella Camilleri, Daniel Sammut, sema` x-xhieda ta' Max Castagna, Mario Dalli, David Sammut u John Sultana.

Ezamina d-dokument ezebiti fl-atti tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' riparazzjoni ta' vettura u *parts* mill-konvenut, liema talba giet ikkontestata stante li mhux ix-xoghol kollu gie ezegwit u dak li sar gie mwettaq hazin u b'hafna dewmien. Saret kontro-talba ghal hlas ta' somma ghal kera alternattiva ta' vann li l-konvenuti rikonvenzjonali qalu li kellhom jikru minhabba d-dewmien ghar-riparazzjoni ta` l-istess vettura.

Skond ix-xhieda ta' Romina Buhagiar qalet illi hija taf illi l-vettura tas-socjeta' konvenuta kienet dahlet ghat-tiswija f'Dicembru ta` l-2004 u s-socjeta' attrici kienet xtrat il-*parts* necessarji ghat-tiswija. Hija qalet illi qabel ma tkomplew ix-xogholijiet riedet tikkonferma mas-socjeta' konvenuta, spejjez ohra li kellu bzonn il-vann ghat-tiswija. Hija sostniet illi kienet iccempel lis-socjeta' konvenuta kemm-il darba u wara hafna tentattivi sabiex ikollha risposta kienet kelmet lil Max Castagna li kien qalilha illi huwa ma kienx jaf bit-telefonati li kienet taghmel hi. Hija tghid illi fl-ahhar ta' Jannar 2005, is-socjeta' konvenuta giet tigbor il-vann u wissiethom illi il-vann kellu bzonn riparazzjonijiet ohra. Sussegwentement baghtet il-kont lis-socjeta'

konvenuta ghat-tiswijiet li kienu saru mis-socjeta' attrici.

Raffaella Camilleri, segretarja mas-socjeta' attrici ikkonfermat illi kienet hadet il-kont personalment fil-hanut ta' Maxi-Quartz Limited meta dan il-kont kien baqa' ma thallasx. Hi kkonfermat ukoll illi qabel ma nhareg il-kont is-socjeta' konvenuta kienet qed tistenna risposta min Max Castagna jekkx xi *parts* zejda li kellhom bzonn ghat-tiswija ulterjuri fil-vann kellhomx jigu ordnati . Ix-xhud ftakret illi l-vann gie rtirat mis-socjeta' konvenuta ftit wara l-festi tal-Milied .

Skond ix-xhieda ta' Daniel Sammut li huwa 'auto mechanic' mas-socjeta' attrci xehed illi huwa kien kellem lil Max Castagna personalment ghar-riparazzjonijiet ulterjuri li kellu bzonn il-vann tieghu tal-marka Fiat Ducato u Max Castagna kien tah il-permess li x-xogholijiet setghu jitwettqu. Wara li kien beda r-riparazzjoni fil-vettura ntebah illi kien hemm iktar hsara, izda dawn il-*parts 'extra'* kellhom jigu direttament minghand il-koncessjonarji tal-*FIAT* u dawn kienu bis-*shutdown* peress illi kien zmien il-Milied. Wara li ghaddha *s-shutdown* hu kien rega` kellem lil Max Castagna li kien hatfu peress illi kien ghaddha hafna zmien. Ix-xhud spjega lil Castagna illi peress illi l-*parts* kellhom ikunu originali kellhom jigu direttament minghand tal-*FIAT* izda tal-*FIAT* kienu bis-*shutdown*. Castagna qallu illi ma kienx ried jisma.' Sussegwentement is-socjeta' konvenuta kienet hadet il-vann lura. Ix-xhud spjega illi huwa ma kienx f'pozizzjoni li jinduna xi hsarat ulterjuri kellu l-vann qabel ma beda x-xoghol fuq l-istess vann li huwa msemmi fl-*invoice* mahruga mis-socjeta' attrici.

Jidher illi ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar kemm fil-fatt ghaddew granet mill-incident sa l-gurnata li l-vann hareg minghand il-garaxx tas-socjeta' attrici. Jidher ukoll illi m'hemmx qbil li s-

socjeta' attrici ppruvat taghmel kuntatt mas-socjeta' konvenuta ghal permess sabiex jkomplu bix-xogholijiet ulterjuri. It-Tribunal huwa konvint illi fil-perjodu festiv huwa minnu illi koncessjonarji bhal ma huma tal-*FIAT*, jkunu bis-*shutdown* u jidher mix-xhieda illi l-parts li kellu bzonn dan il-vann kien necessarju li kellhom jkunu originali.

Mix-xhieda pprezentata minn Max Castagna stess l-vettura kienet dahlet ghand il-UCIM Ltd u cioe' il-koncessjonarji tal-*Fiat* u nharget Tax Invoice fil-11 ta' Jannar, 2005 ghar-riparazzjonijiet fil-vettura in kwistjoni. Ghalhekk, jidher illi in konnessjoni ma` kemm-il granet il-vettura kienet damet fil-garaxx tas-socjeta' attrici x-xhieda tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi evalwata fuq dokumenti pprezentati minnha stess bhal provi taghha. Illi fix-xhieda ta' Max Castagna huwa qal  illi l-vann kien itttiehed lura fl-ahhar ta' Jannar, 2005 izda jidher illi dan mhuwiex minnu. Is-Sur Castagna xehed ukoll illi huwa kien infurmat bil-kwistjoni xi xahar wara. L-incident kien sehh fl-23 ta' Dicembru, 2004 izda jidher illi l-vann iddahhal ghat-tiswija ghand tal-*Fiat* fil-11 ta' Jannar, 2005, ferm inqas minn xahar wara.

Illi b'nota pprezentata mis-socjeta' konvenuta fit-2 ta' Ottubru, 2007 gew ipprezentati dokumenti bhala konferma ta' hlas maghmula mill-istess socjeta' konvenuta lill-F X Garage Limited ghal vann mikri minnhom bejn it-23 ta' Dicembru, 2004 sa l-25 ta' Jannar, 2005. Illi fil-fehma tat-Tribunal, id-dokumenti pprezentati m'humiex prova ta' hlas izda biss li nharget *invoice.* Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi l-*invoice per se*` m'hijiex prova ta' hlas. Illi in oltre, s-socjeta' konvenuta rriduciet il-kontro-talba ghal Lm 448.40 a bazi ta' invoice mahruga minn F X Garage Limited ghal kiri ta' vann bejn l-10 ta' Dicembru, 2004 sat-28 ta' Dicembru, 2004. Meta gie rrimarkat *seduta stante* illi dik l-*invoice* issejjah data qabel l-incident, sussegwentement gew

prezentati '*invoices'* ohra li jkopru d-data ta` l-incident sal-31 ta' Jannar, 2005.

Illi huwa minnu u pretiz mill-klijenti li servizz ta' riparazzjonijiet ta' vetturi bhal ma joffru s-socjeta' attrici ghandhomx jigu effettwati minn perjodi festivi. Izda fil-fatt gie ppruvat minn naha tas-socjeta' attrici illi ghal dak kollu li seta' jigi riparat minn naha taghhom bi qbil mas-socjeta' konvenuta kien twettaq sa qabel l-ahhar tas-sena. Izda l-problema kienet bil-*parts extra* li kellhom jigu ordnati mill-UCIM Ltd li kienu bis-*shutdown*. Din hija sitwazzjoni lis-socjeta' attrici ma kellha ebda kontroll fuqha. Illi kien hemm diversi tentattivi minn naha tas-socjeta' attrici sabiex tikkuntattja lis-socjeta' konvenuta. Illi jidher illi l-vann ittiehed lura mis-socjeta' konvenuta it-Tnejn wara l-ewwel gimgha tas-sena 2005.

Illi fil-fehma tat-Tribunal ix-xoghol da parti mis-socjeta' attrici kien gie ezegwit u gie ezegwit skond is-sengha u l-arti u illi jekk kien jonqos xi xoghol iehor fuq il-vettura dan ma kienx ghaliex ix-xoghol gie mwettaq hazin jew ghax ma sarx fil-hin izda minhabba nuqqas serju ta' kommunikazzjoni bejn il-partijiet.

Illi d-danni subiti mis-socjeta' konvenuta fil-fehma tat-Tribunal ma gewx ippruvati u fic-cirkostanzi ma jidhirx illi kien hemm xi dewmien eccessiv. Illi *in oltre*, d-dewmien eccessiv sollevat mis-socjeta' konvenuta ma jirrizultax f'dewmien ta' xahar, kif intqal mis-socjeta' konvenuta.

Illi fuq evalwazzjoni tal-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal, it-Tribunal huwa moralment konvint illi l-verzjoni tas-socjeta' attrici hija aktar veritjera u konsistenti mill-verzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas fis-

somma ta’ mija u tnax-il lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm 112.39) fil-waqt illi jichad il-kontro-talba tas-socjeta’ konvenuta. Bl-ispejjez ta` l-ittra interpellatorja datata 30 ta’ Mejju, 2005 u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta` l-avviz sad-data ta` l-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tas-socjeta’ konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-ilment generali illi t-Tribunal ma ghamelx apprezzament xieraq, shih u oggettiv tal-provi. Fl-ispecifiku, illi t-Tribunal naqas milli jiddetermina illi kien in-nuqqas tas-socjeta` attrici li twettaq l-obbligu tat-tiswija fi zmien ragonevoli li ggustifika r-rezistenza taghha ghall-hlas tas-somma pretiza mill-istess socjeta` attrici u dik tal-pretensjoni taghha bil-kontro-talba ghad-danni subiti;

Fil-qosor hafna l-fatti li taw lok ghat-talba principali mis-socjeta` attrici u dik tat-talba rikonvenzjonali mis-socjeta` konvenuta kienu dawn:-

(1) Fit-22 ta’ Dicembru, 2004 van tas-socjeta` kovenuta inkontra incident meta nqalghetx ir-rota u kellu jigi rmonkat fil-*garage* tas-socjeta` attrici, fejn sarulu xi tiswijiet;

(2) Fil-kors ta’ dawn it-tiswijiet, l-mekkanik Daniel Sammut tas-socjeta` attrici ntebah li l-vettura kellha bzonn aktar riparazzjonijiet estensivi biex tkun “*safe*”, u b’dan gharraf lir-rapprezentant tas-socjeta` kovenuta. Dan ix-xhud izid jghid li billi s-socjeta` fornitrici ta’ l-i*spare parts* kienet bix-*shut down*, wara l-festi tal-Milied, rega’ kellem lir-rapprezentant tas-socjeta` kovenuta biex dan jikkonfermalu jekk hu setax jghaddi ‘l quddiem biex jixtri l-i*spares* billi whud minnhom (*steering* u *intermediate steering*) kienu gholjin;

(3) Max Castagna, ir-rapprezentant tas-socjeta` kovenuta ghall-ewwel jghid li hadd ma kien avzah li l-van

kellu bzonn ta' *repairs* (fol. 26) izda, imbaghad, fit-tieni okkazjoni li xehed (fol. 50) iddikjara li hu kien kellem rapprezentant tas-socjeta` attrici dwar it-tiswija tal-hsarat fuq il-van. Hu zied jghid li wara xi hmistax mar jirtira l-van u dan ittiehed ghand tal-Fiat biex ilestu x-xogholijiet. Fil-frattemp, jghid li hu kera van minghand F.X. Garage;

Mill-fatti premessi, ghal dak li jikkoncerna direttament u mill-qrib il-vertenza in ezami, jirrizulta bhala stat ta' fatt inkontestat illi s-socjeta` attrici accettat li taghmel tiswijiet fuq il-van, u in ezekuzzjoni ta' dan l-adempiment ghamlet dawn it-tiswijiet, anke jekk fi kliem Mario Dalli, *delivery man* tas-socjeta` kovenuta, dawn kienu "xi haga zghira" (fol. 52). Hemm qbil li l-kumplament tar-riparazzjonijiet effettivament saru minn terzi. Jidher li l-lanjanza principali u ewlenija tas-socjeta` kovenuta appellanti tikkonsisti fl-attribuzzjoni tal-karattru tardiv ta' l-adempiment da parti tas-socjeta` attrici;

Ghall-ezami ta' din il-lanjanza jokkorri qabel xejn jigi registrat illi minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi l-partijiet ikkonkordaw terminu li fih kellhom isiru r-riparazzjonijiet. Li jfisser illi jekk l-obbligazzjoni assunta mis-socjeta` attrici kienet bla terminu jidhol in operazzjoni d-dispost ta' l-Artikolu 1077 tal-Kodici Civili. "Obbligazzjoni li tigi assunta minghajr ftehim dwar iz-zmien ghall-ezekuzzjoni taghha ghandha tigi ezegwita minnufih. Jekk imbaghad minhabba x-xorta ta' l-obbligazzjoni ghandu jinftiehem li l-partijiet riedu li tkun ezegwita fi zmien ragjonevoli, u dan iz-zmien ikun ghadda, il-kreditur ta' l-obbligazzjoni huwa intitolat jitlob lill-Qorti l-prefissjoni ta' zmien preciz u cert li fih id-debitur ghandu jkompli l-obbligu tieghu" ("**Joseph Tanti -vs- Emmanuel Fenech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Novembru, 1953);

Il-ligi ma tiddefinix il-kelma "minnufih" u jidher li t-tifsira taghha hi mhollija fid-diskrezzjoni prudenzjali ta' min irid jiggudika, dipendenti mill-fattispeci tal-kaz li jkun. Terga' fil-kaz prezenti s-socjeta` kovenuta appellanti lanqas ma tirrikorri ghall-portata ta' dik il-kelma izda tinsisti, minflok,

illi l-ezekuzzjoni tat-tiswijiet ma saretx fi zmien ragjonevoli. Ovvjament, hi stess donnha dehrilha illi, fil-kwalita` taghha u ghal mod ta’ l-ezekuzzjoni taghha, dik l-obbligazzjoni tar-riparazzjoni ma setghetx tigi ezegwita immedjatament. F’qaghda bhal din ma setghetx tkun l-istess socjeta` appellanti li tiddetermina hi kemm kellu jkun iz-zmien ragjonevoli imma kellha tirrikorri lill-Qorti ghall-prefissjoni tat-terminu. Jinghad, a propozitu, illi “*quando la convenzione non stabilisce un termine il debitore puo eseguirla entro qualunque termine finche non sia costituito in mora del creditore, ne puo il creditore rifiutare di dare esecuzione alla contrattazione sul motivo del ritardo del debitore, purche la mora, che è il ritardo legale, non si incorre se non quando l’obbligazione sia scaduta il che avviene o colla sola scadenza del termine stabilito, o nel difetto di tale termine mediante la costituzione del debitore in mora, che secondo la nostra legge si opera mediante interpellazione fatta per atto giudiziario e diretta al debitore, nella quale lo si intimi all’adempimento delle sue obbligazioni. La ragione per cui la legge esige, in difetto di un termine stabilito per convenzione, che per determinare la mora del debitore, occorre una interpellazione giudiziaria per cui il creditore richieda al debitore l’adempimento dell’obbligazione – è data dal Giorgi (“Teoria delle obbligazioni” Vol. II numero marginale 48) è che «quando l’adempimento dell’obbligazione non abbia un termine determinato, il debitore non senza fondamento puo sperare nella tolleranza del creditore, e credere che non gli prema l’adempimento sollecito dell’ obbligazione. Cosi fatta ragionevole credulita` non viene a sparire prima della richiesta del creditore; ed allora soltanto comincia la colpa del debitore se ritarda anco di piu` di pagamento – Presso noi tale richiesta deve essere fatta per atto giudiziaro.»* (“**Negte. Giuseppe di R. Wismayer -vs- Salvatore Grech**”, Appell Kummercjali, 13 ta’ April, 1921. Ara wkoll “**Salvatore Liberato -vs- Giorgio Gauci**”, Qorti tal-Kummerc, 30 ta’ Mejju, 1933 u “**Silvio Mifsud *et nomine* -vs- Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**”, Appell Kummercjali, 7 ta’ April, 1986;

Mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li giet mir-socjeta` appellanti segwita din il-procedura, ghal-liema jirreferi wkoll l-Artikolu 1130 tal-Kodici Civili. Ankorke din il-Qorti kellha tissorvola dan kollu u taccetta l-proposizzjoni tas-socjeta` appellanti illi kien hemm tabilhaqq dewmien esagerat (circa 20 gurnata b'kollox) da parti tas-socjeta` attrici, dejjem kien jokkorri li jigi ezaminat jekk il-prestazzjoni kienetx oggettivament possibbli fit-terminu pretiz jew aspettat mis-socjeta` appellanti. Ma jidherx li hu barra mill-ordinarju illi jezistu certu sitwazzjonijiet jew eventi impeditivi li ma jaghmluhiex possibbli li d-debitur ta' l-obbligazzjoni jezegwixxi l-inkariku minnu assunt fiz-zmien ragjonevoli. Il-ligi nnifisha tipprovdi ghal dan billi filwaqt li tikkreja l-presunzjoni tal-kolpa a kariku tad-debitur ghan-nuqqas ta' ezekuzzjoni jew ghad-dewmien, dan jibqa' hekk sakemm ma jkunx ipprovat mill-istess debitur illi dak in-nuqqas jew dak id-dewmien avvera ruhu minhabba xi haga barranija li taghha hu ma kienx fi htija. Ara Artikolu 1133 tal-Kodici Civili;

Jikkonsegwi illi meta d-debitur jiddemostra l-ezistenza ta' xi impediment bhal dan, purke mhux imputabbli lilu, u li jkun gab l-impossibilita` tal-prestazzjoni fi zmien ragonevoli tezisti l-prova liberatorja tan-non-imputabilita` ta' l-inadempiment. Fil-kaz konkret it-Tribunal jidher li kien sodisfatt fil-mertu illi s-socjeta` attrici impenjat ruhha versu dak l-isforz diligenti tal-*bonus paterfamilias* in applikazzjoni tal-principju generali fl-Artikolu 1132, Kodici Civili, li kkomunikat mas-socjeta` appellanti ghall-otteniment tal-kunsens ulterjuri, trattasi ta' spiza apprezzevoli, biex tezegwixxi dawk ir-riparazzjonijiet l-ohra okkorrenti li rrizultawlha fil-kors tat-tiswijiet effettwati, u li kienet tezisti sitwazzjoni fejn il-fornitur tal-i*spare parts* kien f'dak iz-zmien paritkolari tal-granet festivi tal-Milied bix-*shut down*. Mill-istharrig taghha ta' l-istess provi din il-Qorti ma ssibx li tezisti raguni soda biex ticcensura l-valutazzjoni kondotta mit-Tribunal u biex, minflok, taccetta l-proposizzjoni tas-socjeta` appellanti li s-socjeta` attrici ma kellhiex titqies ezenti mill-obbligi tar-rizarciment pretiz minnha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` kovenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------